MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 614/1988/2

**Dr. Edward Woods ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited, u dina sew propju**
**kif ukoll bhala agenti u in rapprezentanza ta'**
**Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, li permezz tad-ditta Mediterranean Insurance Brokers Limited, Malta, assikurat**
**merkanzija importata mid-Direttur tal-Kummerc f'isem id-Dipartiment tal-Kummerc, li waslet Malta fuq il-vapur "KRYMSK"**
**fil-15 ta' Gunju, 1987.**

**v.**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta The Cargo Handling Company Limited, u Anthony Mangion,**
**Direttur tal-Port, ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Port.**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dana huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1990 fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha laqghet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela noe u cahdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta kollha kemm hi billi fiha hemm riprodotti kemm il-premessi u t-talbiet ta' l-attur nomine kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela noe u r-ragunijiet li wasslu lil dik il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni msemmija aktar qabel. Is-sentenza tghid hekk:

"Ic-citazzjoni proposta taqra hekk:

"Billi d-Direttur tal-Kummerc, f'isem id-Dipartiment tal-Kummerc, importa gewwa Malta tliet mija tnejn u sebghin (372) 'pallata' chipboard mill-Unjoni Sovjetika fuq il-vapur 'KRYMSK', li wasal Malta fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1987, skond il-polza tal-kariku numru hmistax (15) hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'A', u l-invoice hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B';

"U billi meta l-vapur wasal Malta, gie skarikat mid-ditta konvenuta The Cargo Handling Company Limited u l-merkanzija tqieghdet fil-miftuh f'Deep Water Quay, il-Marsa;

"U billi din il-merkanzija ma gietx mghottija tajjeb f'din il-parti tal-Port, u meta nizlet ix-xita din il-merkanzija saritilha hsara billi xxarbu xi partijiet minnha skond is-Survey Report numru TIMB/9723 hawn anness u markat bhala Dok 'C', u skond it-'Tally Sheets' hawn annessi u mmarkati bhala Dok D;

“U billi meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-importatur, instab illi parti minn din il-merkanzija kienet imxarbba u danneggjata skond kif jirrizulta mill-iStatement Survey Report u mill-i‘Statement of Claim’ hawn anness u mmarkat bhala Dok E;

“U billi ghal dan in-nuqqas is-Socjeta` Mediterranean Insurance Brokers Limited, hallset l-interessi tal-‘Underwriters’, is-somma ta’ elfejn u tlettax Liri Maltin u sebgha u sebghin centemzu (Lm2013.77), u ghalhekk dawn l-Underwriters, rapprezentati f’Londra mid-ditta Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, gew surrogati fid-drittijiet ta’ l-importatur (Dok F);

“U billi l-istess ‘Underwriters’ f’Londra appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex tagixxi ghaliha bhala ‘recovery agents’ skond l-addendum datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru, 1981;

“U billi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hsarat fuq indikati;

“Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti, jew min minnhom, ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjarahom responsabbli ghall-hsarat sofferti mid-Dipartiment tal-Kummerc;

2. tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta’ Lm2013.77, bl-interessi skond il-ligi mill-21 ta’ Dicembru, 1987, in linea ta’ danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal:

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Il-konvenut Abela nomine eccepixxa illi c-citazzjoni hija nulla stante li m’hijiex indikata fil-grad rikjest mil-ligi l-identita` ta’ xi whud mill-atturi ukoll tas-socjeta` assikuratrici li mhijiex parti fil-kawza; li nieqsa l-prokura tal-“underwriters”, kif ukoll l-indentita` ta’ l-istess

‘underwriters’ li mhumiex parti in kawza – kif suppost ikunu.

“Fit-tielet lok il-konvenuta socjeta` m’ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur proprio et nomine; u fl-ahharnett illi huma kkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mil-ligi.

“L-istess konvenut pero` ulterjorment eccepixxa li, fil-meritu, s-socjeta` tieghu fi kwalunkwe kaz, mhix responsabbli ghall-hsarat allegati u dan a terminu tan-numru 90 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet tal-1966.

“Il-konvenut Anthony Mangion Direttur tal-Port in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Port, m’ghamilx nota ta’ eccezzjonijiet.

“L-ewwel eccezzjoni li trid tigi rizoluta hija dik li tikkontesta l-legittimita` tal-persuna ta’ l-attur – li jkun jew li jaghmel il-kawza jew li jippromwovi l-azzjoni. Din l-espressjoni qeghda tintuza billi l-Kapitolu 12 tal-Ligijiet taghna jiddeskrivi din l-eccezzjoni bhala dik “ta’ illegittimita` ta’ persuna” – l-artikolu 729. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, - pero` huma possibbli deskrizzjonijiet sinonimi li jintuzaw fil-letteratura giuridika.

“Il-legittimita` tal-persuna biex tharrek jew biex tigi mharrka, trid tigi ezaminata minn dawn it-tlett aspetti –

1) Il-kapacita` giuridika tal-persuna fizika li isimha jidher fl-atti relattivi u li jittrattaw fuq materji proprji ghal dik il-persuna.

2) Il-kapacita` giuridika tal-persuna fizika li isimha jidher fl-atti relattivi, li jittrattaw fuq materji li jinteressaw persuna ohra li hija rapprezentata fil-gudizzju minn dik il-persuna fizika.

3) Il-kapacita` giuridika ta’ dik il-persuna fizika li tirraprezenta lil dik il-persuna l-ohra li hija l-parti in kawza

– cioe` dik il-kapacita` in kwantu tinvoka d-dritt ta' rapprezentanza.

"F'dan il-kaz, il-posizzjoni hija hekk:-

"L-avukat Dr Edward Woods, qieghed jidher f'vesti rappresentattiva, u l-eccezzjoni tirrigwarda din il-kwalita` u dritt tieghu, cioe` dak li hemm indikat fin-numru 3 supra. Huwa qed jidher ghas-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited, li hija s-socjeta` attrici, il-parti fil-kawza. Din is-socjeta` qeghda tidher kemm fl-interess proprju taghha, kif ukoll biex tirraprezenta s-socjeta` estera – Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, li hija s-socjeta` li assikurat il-merkanzija li l-konsenja taghha kienet difettuza. Is-socjeta` - u mhux ditta – Mediterranean Insurance Brokers Limited – ghalkemm erroneament tissemma fl-okkju tal-kawza, mhix parti fil-kawza, inkwantu serviet biss biex taffettwa l-assikurazzjoni f'isem l-imsemmija Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, li ghalhekk hija – flimkien mal-Mediterranean Survey Bureau Limited – it-tieni parti fl-azzjoni – billi l-atturi huma dawn it-tnejn.

"Ghall-brevita`, dawn, ghal quddiem, f'din is-sentenza, se jissejhu – H.R.G.M. ghal Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited u M.S.B. – ghal Mediterranean Survey Bureau Limited.

"Fic-citazzjoni jinghad illi socjeta` li mhix fil-kawza – cioe` il-Mediterranean Insurance Brokers Limited: – hallset fl-interess ta' "underwriters" – li hemmhekk m'humiex specifikati ahjar – elfejn u tlettax-il lira (Lm2013) lill-importatur li sofra d-danni u ghalhekk – dawn "l-underwriters" gew surrogati fid-drittijiet ta' l-istess importatur kontra l-konvenuti.

"L-attur nomine jissottometti li dawn l-"underwriters" qeghdin fil-kawza billi H.R.G.M. – tirraprezentawhom f'Londra u H.R.G.M. hija attrici fil-kawza.

"Is-socjeta` M.S.B. ma wrietx, mill-kawzali tac-citazzjoni ghaliex hija fl-interess taghha propjru, ghandha d-dritt li

tipproponi l-prezenti azzjoni. U dan, fil-fehma tal-Qorti ma giex lanqas spjegat u ccarat la mill-provi sussegwenti u lanqas fin-noti ta' osservazzjonijiet ta' l-attur.

"Il-hlas tad-danni sar mis-socjeta` attrici l-ohra H.R.G.M. li ghalhekk, in kwantu, ultimament ssofri d-danni ekwivalenti ghas-somma li sborzat, ghandha d-dritt ta' surroga minghand min hija ssuffragat, sabiex tirkupra u tigi risarcita ghal dawk id-danni. Biss pero` hawnhekk huwa espressament dikjarat li H.R.G.M. ma hallsetx f'isimha imma hallset ghan-nom ta' ohrajn – u huwa car li ultimament huma dawn l-ohrajn li sborzaw il-flus u ghalhekk sofrew id-danni li jridu bil-kawza jigu rizarciti. Imma dawn l-ohrajn – imsejha underwriters, mhumiex parti fil-kawza, ghaliex H.R.G.M. kif jidher car mid-deskrizzjoni fl-okkju tal-kawza, qeghdin fil-kawza fl-interess taghhom proprju.

"L-attur jippretendi li la l-H.S.B. tirraprezenta legittimament lil H.R.G.M. u din tirraprezenta lil "underwriters", li ghandhom id-dritt tas-surroga, allura l-azzjoni hija proposta tajjeb. Imma dan mhuwiex korrett. Il-massima – delegatus non potest delegari, timporta zewg konsegwenzi – wahda illi l-mandatarju ma jistax jghadi l-mandat tieghu lil haddiehor jekk ma jkunx espressament moghti din il-fakolta` mill-mandant u jekk ghandu din il-fakolta`, allura il-mandatarju l-gdid jkun jirraprezenta, fl-operat tieghu, lill-mandant originali u mhux lill-mandatarju ta' qablu. Jigifieri, fil-kontest ta' din il-kawza, is-socjeta` M.S.B. jrid ikollha d-dritt li taghmel din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-"underwriters" ta' Londra, li hallsu d-danni, u mhux ghan-nom u in rapprezentanza ta' H.R.G.M. – ghaliex din, bhala tali, m'ghandhiex dritt li taghmel il-kawza – kif del resto m'ghandhiex dritt li taghmel il-kawza s-socjeta` Mediterranean Insurance Brokers Limited li semplicement hallset ghan-nom ta' haddiehor, kif jirrizulta li ghamlet H.R.G.M., ghan-nom ta' haddiehor.

"Dawn il-konsiderazzjonijiet johorgu – naturalment mill-fatti esposti fil-kawza. Hekk, per ezempju a fol. 37 l-attur esebixxa "Contract of Marine Insurance" li l-partijiet tieghu

huma “Various dealers on behalf of Director of Trade” – persuni bla isem u kunjom, anonimi, li ghalihom iffirma xi hadd li ukoll mhux indetifikat – u is-socjeta` Mediterranean Underwriting Managers Limited – socjeta` ohra, apparentement estranea ghall-proceduri – bhallikieku m’hemmx konfuzjoni bizzejjed ta’ socjetajiet li kollha jridu jidhlu fix-xena – liema, socjeta` imbaghad qed tidher – “for and on behalf of the above mentioned security” – u din is-“security” hija deskritta bhala – Lloyds Underwriters – 70%, Legal Co. Insurance – 30% - u terga’ tirrepeti ruhha l-istorja ta’ l-anonimat.

“Kull min ghandu x’jaqsam ma’ din il-kwalita` ta’ negozji qed jagixxi kompletament fl-isfera ta’ l-illegalita` u kontra kull principju ta’ dik il-kjarezza ta’ personalita` u l-konsegwenti garanzija li l-ligi kummercjali trid u tirregola, u ma jistax jippretendi li jista’ jkollu l-protezzjoni u wisq anqas l-appogg ta’ l-organizzazzjonijiet guridici ghal dan il-mod illegali u abbuziv li ghazel biex jinnegozja.

“Il-Qorti apprezzat l-isforz li ghamel l-avukat Dr Edward Woods fin-noti ta’ Osservazzjonijiet tieghu biex jirribatti l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, imma dan l-isforz kien aktarx koncentrat fuq il-problema li tirrigwarda l-personalita` giuridika o meno, ta’ dik l-entita` tant maghrufa bhala “Corporation of Lloyd’s” ta’ Londra, mentri mit-termini tac-citazzjoni, din il-problema m’hiex proprjament rizolubbli f’din il-kawza u trid tistenna risoluzzjoni definittiva f’xi kawza ohra, fil-futur – kif inevitabbilment, se jkun hemm il-bzonn li ssir. Dan ghaliex – kif intqal, ghalkemm ic-citazzjoni ssemmi generikament “underwriters” ma hemm xejn li jindika li l-“Corporation of Lloyd’s” qed tippretendi li hija <u>parti</u> fil-kawza. Xejn m’hemm x’jindika li H.R.G.M. mhix il-parti proprja fil-kawza. Anzi, kif intqal, kieku l-Corporation of Lloyd’s kienet il-<u>parti</u> fil-kawza, allura H.R.G.M. ma kienetx tista’ tkun fil-kawza ghaliex, in kwantu hija socjeta` etera, ma tistax tidher f’kawza f’Malta <u>in rappresentanza</u> ta’ parti ohra, li ukoll mhix Maltija.

“Fin-nota ta’ l-attur tad-9 ta’ Gunju – paragrafu 8 – jinghad illi s-surroga saret lil M.S.B. “bhala agenti u ghan-nom u

rapprezentanza ta' l-istess assikurant.". Dan mhux korrett. Diga` intqal illi l-M.S.B. qeghda tirraprezenta lil H.R.G.M. u din is-socjeta` mhix l-assikuratrici. L-assikuratrici mhiex fil-kawza. Il-kawza tfalli in kwantu l-ebda wahda mis-socjetajiet attrici ma stabbiliet li hija – jew direttament jew indirettament (inkwantu surrogata mill-kreditur) ghandha d-dritt li tipproponi l-kawza prezenti.

"Fin-nota tieghu tas-26 ta' Settembru 1989 fil-paragrafu 4 – l-attur jghid illi "fil-kawza odjerna, il-legittimu kontradittur ma tista' qatt tkun Lloyd's – ghax bhala tali, hi ma assikurat xejn.".

"Tajjeb, imma allura, min ghamel verament il-hals tad-danni? Min ghamel dan il-hlas ghandu d-dritt ta' l-azzjoni biex jirkupra dak li hallas; u huwa jista' jissuroga jew icedi lil haddiehor f'dak id-dritt. Jekk The Corporation of Lloyd's kienet biss tat l-eventwali garanziji lill-assikurant jew assikuratrici, allura verament m'ghandhiex post fil-kawza, imma, allura wkoll, l-assikurant jew l-assikuratrici, ma gewx identifikati mir-rizultanzi tal-kawza u kwalsiasi surroga minn min mhux identifikat, ma tistax ikollha effett. Fil-paragrafu 6 huwa jghid li l-konvenut Abela ma fehem xejn fuq il-funzjonijiet ta' Lloyd's. Hawnhekk mhux kwistjoni, ta' x'inhi u mhiex il-funzjoni ta' Lloyd's, x'inhuma l-uzi taghha u kif topera. Hawnhekk, irid jigi stabbilit minghajr ekwivoci u b'mod car, min hallas ghaliex huwa biss ghandu d-dritt ghall-azzjoni, liema dritt jista' jittrasferieh, direttament jew indirettament kif trid il-ligi. U dan huwa dak li hemm fin-nota tal-konvenut, li kif intqal, sostanzjalment, huwa konformi mal-ligi kif tifhimha l-Qorti. Il-Qorti ma taqbilx lanqas ma' dak li donnu qed jghid l-attur rigward The Corporation of Lloyd's, u l-presenza taghha fil-kawza. Hija ghandha n-necessarja personalita` guridika u m'hemmx raguni ghaliex m'ghandhiex tkun in kawza jekk sofriet id-danni jew hija b'xi mod interessata.

"Il-Qorti ma taqbilx li hemm xi lakuna x'timtela fil-ligi taghha f'dan ir-rigward. Naturalment dak li ghandu legislazzjonijiet kontinentali kien dettat minn motivi ta' konvenjenza procedurali partikolari ghal kull sistema pero`, il-Qorti, ma tistax tippretendi li ghandha xjenza tali

tas-sistemi procedurali civili tad-diversi nazzjonijiet li ssemmew fin-noti ta' l-attur, biex jippermettilha li tikkumenta fuqhom. Il-Qorti qed tapplika ghalhekk il-principji li jirregolaw il-proceduri quddiem il-Qrati Taghna u ma tarax li dawn – kif qed jippretendi l-attur nomine, huma nieqsa b'xi mod, ghal dak li jirrigwarda din il-kawza. Certament, jekk il-ligi tissepara l-figura tal-"broker" is-sensal, minn dik taz-zewg partijiet f'negozju, u ma taddottax id-dwalita` tal-figura tal-"broker" li l-ligi u l-prattika ingliza, ghogbhom jaddottaw – dan ma jfissirx li b'daqshekk il-ligi taghna ghandha xi lakuna. Anzi l-Qorti tahseb illi l-posizzjoni fil-ligi taghna hija hafna aktar car u limpida minn dik ingliza li inevitabbilment tohloq diffikultajiet mhux traskurabbli mhabba d-dwalita` funzjonali li tippermetti li hafna drabi, u facilment, tiddegenera f'doppjizza.

"Finalment, il-Qorti studjat b'interess il-fotokopji, li gentilment l-attur esebixxa fl-atti tal-kawza, ta' l-estratti min-Novissimo Digesto u mill-Codice Civile ta' Pescatore u Ruperto, imma ma sabet xejn fihom li jmur kontra dak li gie supra espost, anke ghaliex il-problematika li giet fihom trattata tirrigwarda aktra il-locus standi ta' l-agenti tas-socjetajiet assikuratrici u r-rappresentanza estera taghhom, milli dak li jirrigwarda l-prezenti vertenza u l-eccezzjonijiet hawn moghtija.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela fil-kwalita` rapprezentattiva imsemmija, u tichad it-talbiet ta'
l-attur fil-kwalita` li huwa jiddeskrivi fic-citazzjoni, billi s-socjetajiet minnu rapprezentati m'ghandhomx id-dritt li jippromwovu l-prezenti azzjoni; bl-ispejjez ghall-istess attur nomine."

**II. L-APPELL**

2. L-attur – issa l-appellant – hassu aggravat minn din is-sentenza u ntavola appell minnha quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 1990. Ir-ragunijiet esposti minnu fl-imsemmi rikors ta' l-appelll tieghu, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata bili tiddeciedi li

tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut.

3. Fir-risposta ta' l-appell tieghu l-konvenut Godwin Abela wiegeb ghall-aggravji li ressaq l-appellant u wara li sostna li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma talab li din il-Qorti joghogobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellant.

4. Ghandu jigi rilevat li konvenut l-iehor, id-Direttur tal-Port, ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Port jidher li baqa' kontumaci quddiem l-ewwel Qorti.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Ir-retroxena ta' din il-kawza hija s-segwenti: Id-Direttur tal-Kummerc, f'isem id-Dipartiment tal-Kummerc, importa f'Malta kwantita` ta' *chip board* mill-Unjoni Sovjetika fuq il-vapur 'Krymsk' li wasal Malta fil-15 ta' Gunju 1987. Il-merkanzija giet skarikata mis-socjeta` konvenuta 'The Cargo Handling Company Limited' u l-merkanzija tqeghdet fil-miftuh, fid-*Deep Water Quay*, il-Marsa. Gie allegat li l-merkanzija ma gietx moghttija tajjeb, u billi nizlet ix-xita, partijiet mill-merkanzija xxarrbet u gratilha l-hsara. Mid-dokument F a fol. 30 tal-process jirrizulta li d-Dipartiment tal-Kummerc thallas is-somma ta' elfejn u tlettax-il lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm2,013.77) ghar-rizarciment ghad-danni kagjonati fl-istess merkanzija u l-istess importatur issurroga lil min hallsu fid-drittijiet tieghu. L-attur jallega li s-socjeta` konvenuta kif ukoll id-Dipartiment tal-Port jew min minnhom huwa responsabbli ghall-hsarat sofferti mid-Dipartiment tal-Kummerc u ghalhekk qieghed jitlob lill-Qorti li tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsuh l-imsemmija somma ta' elfejn u tlettax-il lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm2,013.77), bl-interessi, in linea tad-danni sofferti mill-assigurat li kif inghad, issurroga fid-drittijiet tieghu lil min hallsu.

6. Is-socjeta` konvenuta *The Cargo Handling Company Limited* ("is-socjeta` appellata"), apparti eccezzjnijiet fil-

meritu, ressqet bazikament dawn l-eccezzjonijiet preliminari li huma fis-sens segwenti:
1. li c-citazzjoni kienet nulla billi l-identita` ta’ whud mill-atturi, inkluz tas-socjeta` assikurattrici ma gietx indikata fil-grad rikjest mil-ligi;
2. in-nullita` tac-citazzjoni ghax l-identita` ta’ l-*underwriters* ma hijiex indikata u dawn lanqas ma huma parti fil-kawza; u
3. li s-socjeta` konvenuta m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika kwalunkwe ma’ l-atturi proprio et nomine.

7. Bazikament is-sentenza appellata laqghet din id-difiza tas-socjeta` appellata u cahdet it-talbiet ta’ l-attur nomine, issa appellanti.

8. L-aggravju ta’ l-appellant, fi kliemu stess, jikkonsisti fis-segwenti:
“Illi l-Qorti tal-Kummerc wasslet ghall-konkluzjoni illi s-socjeta` attrici “ma wrietx, mill-kawzali tac-citazzjoni ghaliex hija fl-interess taghha proprju, ghandha dritt li tipproponi l-prezenti azzjoni. U dan fil-fehma tal-Qorti ma giex lanqas spjegat u ccarat la mill-provi sussegwenti u lanqas fin-noti ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur”.

“L-aggravju ta’ l-attur f’dan il-kuntest hu li la darba s-surroga harget f’isem is-socjeta` attrici, din ghandha d-dritt tagixxi wkoll f’isimha sabiex tirkupra l-ammont li thallas lill-assikurat in linea ta’ danni sofferti minnu.

“L-ewwel Onorabbli Qorti mbaghad irrilevat illi s-socjeta` attrici Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd., ta’ Londra, hallset “ghan-nom ta’ ohrajn – u huwa car li ultimament huma dawn l-ohrajn li zborzaw il-flus u ghalhekk soffrew id-danni li jridu bil-kawza jigu rizarciti. Imma dawn l-ohrajn – imsejjha Underwriters, m’humiex parti mill-kawz, ghaliex Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd. kif jidher car mid-deskrizzjonifl-okkju tal-kawza, qeghdin fil-kawza fl-interess taghhom proprju.” Din l-Onorabbli Qorti imbaghad irriteniet illi Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd. ma setghet qatt tappunta lis-socjeta` attrici sabiex tagixxi ghaliha f’Malta, u dan a bazi tal-massima ‘delegatus non potest delegare’.

L-umli sottomissjoni ta’ l-attur hija li dan l-argument m’huwiex preciz u dan ghal zewg ragunijiet.

“Fl-ewwel lok il-brokers ta’ Lloyd’s Corporation m’humiex brokers kif wiehed generalment jifhem b’din il-kelma. Dan il-punt gie trattat b’mod esawrjenti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti permezz ta’ noti ta’ osservazzjonijiet, u ghal liema hawn qed issir ampja riferenza sabiex tigi evitata hafna ripetizzjoni.

“Fit-tieni lok l-esponent jissottometti bir-rispett illi f’dan il-kaz m’hawnx lok ghall-applikazzjoni tal-massima ‘delegatus non potest delegare’ u dan peress li si tratta ta’ socjeta` Ingliza li qed tirrapprezenta entita` li hija verament ‘su generis’ billi ghalkemm fil-prattika jidher li hija entita` definita, fid-dritt ma ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk ma tistax tagixxi f’isimha proprju sabiex tipprocedi kontra dawk li jidhrilha li huma responsabbli ghad-danni kkawzati lill-merkanzija assikurata. Ikun imossibbli li l-Underwriters, li fil-prattika jiffurmaw il-korp ta’ din l-entita`, jipprocedu f’isimhom proprju u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1) l-Underwriters, f’kaz ta’ assikurazzjoni partikolari, jistghu jkunu numru konsiderevoli. Kemm-il darba jaghti l-kaz li ghexieren ta’ Underwriters jidhlu ghal riskju partikolari.

2) L-Underwriters, ghal ragunijiet partikolari ghal qasam ta’ l-assikurazzjoni, u ghal ragunijiet prattici, ikunui jridu jibqghu anonimi.

3) L-unika persuna li ghandha access ghal dawn l-Underwriters hija l-broker.

“Jekk wiehed ihares lejn il-kopja tal-Binding Authority, jigifieri tal-prokura li dawn il-brokers kienu taw lis-socjeta` attrici, wiehed jara li ghalkemm jidher il-Llod’s Broker, dan il-ftehim sar bil-kunsens ta’ l-Underwriters ta’ Lloyd’s. Dan johrog car anke mill-intestazzjoni ta’ l-istess ftehim. Minn dan johrog car ukoll il-fatt kif id-doveri tal-Broker u l-Underwriter huma inestrikabbilment intreccjati. L-

esponent jaghmel ukoll riferenza ghad-diversi agenti f'Malta ta' socjetajiet assikurattrici esteri fejn il-principali barra minn Malta mhux biss jistghu jkunu diversi, izda jistghu jkunu wkoll konnessi ma' Lloyd's.

"L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet riferenza ghall-'contract of marine insurance' fejn id-Direttur tal-Kummerc importa f'isem diversi ricevituri taht is-sistema tal-Bulk Buying. Ghamlet riferenza ghal hekk imsejha cessjoni ta' tletin fil-mija lil-Legal Co-Insurance, haga li fil-fatt hija obbligatorja taht l-Insurance Act, 1981. L-esponent hawn jaghmel riferenza ghall-fatt li l-kummerc fil-qasam ta' l-assikurazzjoni tant sar sofistikat u fl-istess hin ikkomplikat, li wiehed ma jistennix li l-affarijiet ikunu semplici u cari daqs kemm wiehed jixtieq. Certament ma jidhirx pero` li dawn qed jagixxu 'kompletament fl-isfera ta' l-illegalita`.

"L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet ukoll li l-problema li tirrigwarda l-personalita` guridika o meno ta' Lloyd's Corporation "m'hiex proprjament rizolubbli f'din il-kawza u trid tistenna risoluzzjoni definittiva f'xi kawza ohra, fil-futur – kif inevitabbilment, se jkun hemmbzonn li ssir", dan peress li fic-citazzjoni ma hemm xejn li jindika li 'Lloyd's Corporation' qed tippretendi li hija parti fil-kawza. L-esponent umilment ihoss li qatt ma qal li c-citazzjoni tirrigwarda lill-'Lloyd's Corporation'. Lanqas biss hu possibbli dan. Ic-citazzjoni titkellem biss fuq l-Underwriters, jigifieri dawk li effettivament zborzaw is-somma mitluba u s-socjeta` Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd. Li tirrapprezentahom f'Londra. Mill-korp tac-citazzjoni jirrizultaw, 'inter alia', is-segwenti fatti:

1) li l-Underwriters, li huma rapprezentati Londra minn Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd., hallsu lill-importatur is-somma rikjesta ghad-danni minnhom sofferti;

2) illi allura l-istess Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd. gew surrogati fid-drittijiet ta' l-importatur; u

3) li l-istess socjeta` Ingliza appuntat lis-socjeta` attrici sabiex tagixxi ghaliha bhala 'recovery agent'. Huwa f'dan il-kuntest li s-socjeta` attrici agixxiet 'ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess assikurant'.

"L-ewwel Onorabbli Qorti imbaghad trattat l-hekk imsejjha 'dwalita` funzjonali' tal-broker u qalet illi:

""Certament, jekk il-ligi tissepara l-figura tal-'broker' is-sensal, minn dik taz-zewg partijiet fin-negozju, u ma taddottax id-dwalita` tal-figura tal-'broker' li l-ligi u l-prattika Ingliza, ghogobhom jaddottaw – dan ma jfissirx li l-ligi taghna ghandha xi lakuna."

"F'dan ir-rigward dina l-Qorti m'accettatx is-sottomissjonijiet ta' l-attur illi fin-nuqqas ta' ligi specifika, il-Qrati taghna jridu jaddottaw sistema fejn l-Underwriters ta' Lloyd's, li tant ghandha konnessjonijiet ma' pajjizna kif ghandha ma' kwazi kull pajjiz iehor, jigu rapprezentati hawnhekk. Huwa minnu li fil-ligi taghna f'dan ir-rigward ma nsibu xejn, u l-Onorabbli Qratri taghna ghadhom ma ddecidewx proprju fuq dan il-punt, pero` dan l-istat ta' fatt irid jinbidel altrimenti wiehed se jigi f'posizzjoni fejn issir impossibbli li jigu assikurati hwejjeg ma' l-Underwriters ta' Lloyd's."

9. Is-socjeta` appellata irrispondiet hekk dwar l-aggravji ta' l-appellant:
"A. Fl-ewwel lok huwa assolutament finzjoni ta' l-attur nomine li harget xi surroga favur is-socjeta` attrici – l-unika surroga li harget kienet favur l-Underwriters injoti – ghaliex il-hlas dejjem sar ghan-nom taghhom u ghalhekk is-surroga saret f'isem Underwriters li mhux biss injoti izda lanqas biss huma posti fil-kawza – illi ghalhekk l-appellant gia` beda fuq nota hazina stante li qed jibbaza l-argument tieghu kontra l-fatti u d-dokumenti minnu esebiti fl-istess kawza.

B. Fit-tieni lok dwar is-socjeta` Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited irrizulta ampjament li din hija semplicement Broker, u bla ebda interess fil-kawza stante li la ghamlet ebda hlas proprio, la saret surroga favorita, la

hija socjeta` assigurattrici kif erronjament indikata fic-citazzjoni attrici, u ma ghandha ebda veste fil-kwalita` taghha proprio, kif fil-fatt ghamlet fil-kawza. Dwar punti ohra relevati dwar l-istess socjeta` wiehed ghandu jirreferi ghan-Nota ta’ l-Osservazjzonijiet imressqa mill-esponenti fil-prim istanza.

C. Illi dwar l-entita` ta’ “Lloyd’s”, il-famuza Corporation of Lloyd’s, l-argumenti imressqa mill-appellant huma superfleu stante li Lloyd’s (li huma l-Underwriters biss in parti kif jidher mill-Binding Authority Agreement) lanqas huma parti fil-kawza. Huwa proprio ghalhekk li l-appantant ma ghandux locus standi.

D. Mill-Binding Authority ma jidher xejn minn dak li qed isostni l-appellant specifikament huwa assolutament inezatt u inkorett, dak li qed isostni l-appellant li din hija prokura li l-Brokers “H.R & G.M”. Ltd taw lill-M.S.B. Il-Binding Authority Agreement ghandu funzjoni kompletament differenti u cioe` li Lloyd’s u socjetajiet ohra kummercjali qed jassiguraw certi tip ta’ riskji u xejn izjed, jekk is-socjetajiet attrici kemm wahda jew ohra qed jagixxu ghan-nom ta’ xi socjeta` dan certament messu hareg mill-okkju jew mic-citazzjoni izda dan mhux il-kaz stante li l-attur agixxew proprio.

E. Dwar l-ispjegazzjoni li ta l-attur ghac-citazzjoni minnu prezentata jidhru l-izbalji serji li saru mill-atturi f’din il-kawza. La darba qed isostni li l-Underwriters, hallsu lill-importatur, allura huma biss kellhom id-dritt li jigi surrogati fid-drittijiet tieghu u kwindi li jaghmlu l-kawza u l-ebda socjeta` ohra hi min hi. Hekk hi l-Ligi Maltija konstantament ikkonfermata mill-Qrati Taghna kif premess.”

10. Din hija kawza ta’ rivalsa fejn min hallas u gie surrogat fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, *a sua volta*, qieghed idur fuq il-konvenuti ghar-rifuzjoni ta’ dak kollu li hallas, ghax jallega li dawn il-konvenuti huma responsabbli ghall-hsara sofferta mill-imsemmi kreditur tieghu.

11. Fil-process ma hemmx provi testimonjali, izda hemm diversi dokumenti li huma relevanti ghall-kwistjoni involuta f'dana l-appell. Fost dawn ta' min jissemmew il-polza ta' l-assigurazzjoni li tirrigwarda l-merkanzija li ngarret fuq il-vapur in kwistjoni u li wasal f'Malta fil-15 ta' Gunju 1997. Kopja ta' dan il-kuntratt ta' assigurazzjoni jinsab esebit a fol, 37 sa 40 tal-process. Minn dan il-kuntratt jirrizulta li sebghin fil-mija (70%) tar-riskju gie assunt minn Lloyd's Underwriters waqt li r-rimanenti tletin fil-mija (30%) gie assunt minn Legal Co. Insurance. A fol. 46 tal-process gie esebit kopja ta' estratt minn Dokument intitolat Underwriters at Lloyd's London Binding Authority Agreement. Minn dan id-dokument jirrizulta li s-socjeta` attrici, Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, hija indikata bhala l-Lloyd's Broker f'dan il-kuntratt. A fol. 47 hemm estratt iehor mill-istess dokument li minnu jirrizulta li s-socjeta` appellanti Mediterranean Survey Bureau Limited gew awtorizzati sabiex jagixxu bhala *recovery agents* taht l-istess kuntratt ta' assigurazzjoni. L-aktar dokument importanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza jinsab a fol. 30 tal-process. Dan huwa ezattament id-dokument li jservi ta' ricevuta u surroga u li hu. Minnu jidher li l-merkanzija in kwistjoni, li giet importata mid-Direttur tal-Kummerc, giet assigurata minn Mediterranean Survey Bureau Limited ghall-imsemmija *Underwriters* u billi l-istess Direttur tal-Kummerc sofra hsara fil-merkanzija li importa, huwa gie rizarcit ghad-danni li sofra fis-somma ta' elfejn u tlettax-il lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm2,013.77) kif jirrizulta mir-ricevuta msemmija a fol. 30 tal-process. Dan id-dokument, apparti li huwa ricevuta, jikkontjeni wkoll surroga li saret mid-Dipartiment tal-Kummerc favur "Mediterranean Insurance Brokers Limited for Underwriters concerned and/or Mediterranean Survey Bureau Limited as the recovery agents as per Addendum dated 24$^{th}$ October 1981."

12. Issa ma hemm l-ebda dubju li l-mod kif kien qieghed jigi transatt in-negozju konness ma' l-assigurazzjoni in kwistjoni, kien mod kontort u ikkumplikat, fatt dan li gie rilevat b'enfansi kbira fis-sentenza appellata. Madanakollu dan huwa hekk ghaliex mhux biss il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni fih element ta' ko-

assigurazzjoni, izda hemm ukoll il-prezenza tal-membri tal-Lloyd's cioe` l-*underwriters* – li skond l-uzanza Ingliza baqghu dejjem anonimi – kif ukoll il-broker ta' Lloyd's li f'dan il-kaz huwa s-socjeta` appellanti Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited. Wiehed irid jiftakar li n-negozju tal-Lloyd's Corporation huwa wiehed li frekwentement huwa mibni fuq numru ta' uzanzi tal-kummerc li zviluppaw mal-medda tas-snin f'dan is-settur sofistikat u specjalizzat, u dan il-fatt jispjega ukoll il-komplessita` ta' kif jidher li jizvolgi l-istess negozju, inkluz dak konness ma' l-assigurazzjoni meritu tal-kaz odjern.

13. Fil-fehma tal-Qorti, din il-kawza sfat ikkomplikata zzejjed minghajr ma kien hemm il-htiega li jsir hekk. Il-Kwistjoni hija wahda pjuttost semplici. L-appellanti qeghdha tippretendi li ghandha dritt li taghmel din il-kawza <u>ghaliex hallset lill-kreditur</u>, cioe` lid-Direttur tal-Kummerc, u dan issurrogaha fid-drittijiet tieghu ghad-danni kontra l-konvenuti.

14. Issa l-Artikolu 1165 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:
"1. Min ihallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur,b'konvenzjoni –

a) meta l-kreditur idahhal floku l-persuna li minghandha jiehu l-flus, u fil-jeddijiet tieghu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga issir espressament u flimkien mal-hlas".

15. Kif diga` ntqal, id-dokument li jinkorpora s-surroga huwa esebit bhala Dokument F a fol. 30 tal-process, u li minnu jirrizulta li s-socjeta` attrici Mediterranean Survey Bureau Limited ukoll giet surrogata fid-drittijiet tal-kreditur.

16. Fil-fehma tal-Qorti, japplika ghal dan il-kaz l-insenjament kontenut fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, li nghatat fl-4 ta' Frar 1992 fil-kawza fl-ismijiet **Leonard Vella noe v. Albert Mizzi et noe.** fejn *inter alia* jinghad hekk:
"Finalment x'inhu u m'huwiex issorrugat, huma kollha kwistjonijiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mad-drittijiet li taghti l-ligi lil kull persuna li tikkwalifika ghalihom skond l-

artikolu ikkwotat; mhux biss, imma huwa wkoll irrelevanti minn fejn giebet il-flus biex tkun tista’ thallas u takkwista d-drittijiet ta’ debitur bis-sahha tal-konvenzjoni tas-surroga.”

17. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-identita` ta’ l-*underwriters* li issottoskrivew il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni in kwistjoni u l-prezenza taghhom fil-kawza certament ma hijiex necessarja biex l-azzjoni odjerna tkun tista’ tirnexxi. L-interess guridiku tas-socjeta` appellata huwa li tara li min gie issurogat fid-drittijiet tal-kreditur, cioe` tad-Direttur tal-Kummerc, ikun prezenti fil-kawza biex, jekk jinstab li s-socjeta` appellata tkun responsabbli ghad-danni, jigi accertat li l-pagament isir lill-persuna li kienet intitolat li tircievi dan il-hlas ghax verament giet issurrogata fid-drittijiet ta’ l-imsemmi Direttur tal-Kummerc.

18. Kwantu ghall-eccezzjoni l-ohra tas-socjeta` appellata, illi din m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika kwalunwe ma’ l-appellanti, anki din, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, m’hijiex gustifikata. Infatti ghalkemm jirrizulta li l-appellanti zgur li m’ghanda l-ebda relazzjoni guridika diretta mas-socjeta` appellata, madanakollu jirrizulta bla ebda ombra ta’ dubju li hija ghandha relazzjoni guridika in kwantu s-socjeta` appellanti, (Meditterranean Survey Bureau Limited u min assigura l-merkanziji) giet surrogata fid-drittijiet tad-Direttur tal-Kummerc bl-imsemmija surroga. Fi kliem iehor ir-relazzjoni guridika pretiza f’din il-kawza mis-socjeta` appellanti hija msejsa fuq il-pretensjoni li kellu d-Direttur tal-Kummerc li jigi rizarcit ghad-danni li sofra fil-merkanzija li importa f’Malta meta din kienet taht il-kustodja tas-socjeta` appellata, liema pretensjoni huwa ghaddiha lis-socjeta` appellanti billi hija hallsitu ghall-pretensjoni tieghu, u hu min-naha tieghu ssurrogaha fl-istess drittijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tilqa’ l-appell u ghalhekk filwaqt li tirrespingi l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata, tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti, cioe` llum lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------